

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2298**tal-21 ta' Diċembru 2021**

**li tistabbilixxi l-ekwivalenza, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, taċ-
ċertifikati COVID-19 maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj maċ-ċertifikati maħruġa
f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) għall-faċilitazzjoni tal-moviment liberu waqt il-pandemija tal-COVID-19 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jistipula qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan ("Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE") għall-fini tal-faċilitazzjoni tal-eżerċizzju tad-detenturi tad-dritt tagħhom għall-moviment liberu matul il-pandemija tal-COVID-19. Għandu jikkontribwixxi wkoll għall-faċilitazzjoni tat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet għall-moviment liberu stabbiliti mill-Istati Membri, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi limitat it-tixrid tas-SARS-CoV-2, b'mod ikkoordinat.
- (2) Ir-Regolament (UE) 2021/953 jippermetti l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati COVID-19 maħruġa minn pajjiżi terzi liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom jekk il-Kummissjoni tikkonstata li daww iċ-ċertifikati COVID-19 jinħarġu f'konformità ma' standards li jitqiesu ekwivalenti għal daww stabbiliti skont dak ir-Regolament. Barra minn hekk, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli stipulati fir-Regolament (UE) 2021/953 għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, imma li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom u li għandhom id-dritt li jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, kwalunkwe sejba ta' ekwivalenza stipulata f'din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom. B'mod simili, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/954, jenħtieġ li tali sejbiet ta' ekwivalenza japplikaw ukoll għaċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed joqogħdu jew jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (3) Fit-8 ta' Ottubru 2021, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj ipprovdiet lill-Kummissjoni b'informazzjoni dettaljata dwar il-ħruġ ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan skont is-sistema intitolata "Plataforma Nacional Coronavirus Uy". Ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li hija tqis li ċ-ċertifikati COVID-19 tagħha qed jinħarġu f'konformità ma' standard u sistema teknoloġika li huma interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u jippermettu l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" fihom id-data stabbilita fl-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953.

⁽¹⁾ ĠU L 211, 15.6.2021, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2021/954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar qafas għall-ħruġ, għall-verifika u għall-aċċettazzjoni ta' ċertifikati COVID-19 interoperabbli tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan (Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE) fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu jew li jirrisjedu legalment fit-territorji tal-Istati Membri waqt il-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 211, 15.6.2021, p. 24).

- (4) Barra minn hekk, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li hija taċċetta ċertifikati tat-tilqim, tat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nukleju u tal-fejqan maħruġa mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.
- (5) Fl-14 ta' Diċembru 2021, wara talba mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, il-Kummissjoni wettqet testijiet tekniċi li wrew li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj huma f'konformità ma' sistema, il-"Plataforma Nacional Coronavirus Uy" li hija interoperabbli mal-qafas ta' fiduċja stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 u tippermetti l-verifika tal-awtentiċità, tal-validità u tal-integrità taċ-ċertifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" fihom id-data meħtieġa.
- (6) Minbarra dan, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati interoperabbli tat-tilqim għall-vaċċini kontra l-COVID-19. Dawn il-vaċċini bħalissa jinkludu Comirnaty, Vaxzevria, Spikevax, COVID-19 Vaccine Janssen, Covishield, BBIBP-CorV, CoronaVac, Covaxin, Sputnik V u Convidecia.
- (7) Ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat ukoll lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati tat-testijiet interoperabbli għat-testijiet tal-amplifikazzjoni tal-aċidu nukleju, iżda mhux għal testijiet rapidi tal-antiġeni.
- (8) Barra minn hekk, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li qed toħroġ ċertifikati interoperabbli tal-fejqan. Dawk iċ-ċertifikati huma validi għal mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel test pożittiv.
- (9) Minbarra dan, ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj infurmat lill-Kummissjoni li meta verifikaturi fl-Urugwaj jivverifikaw iċ-ċertifikati, id-data personali inkluża fihom se tiġi pproċessata biss biex tivverifika u tikkonferma t-tilqim, ir-riżultat tat-test jew l-istatus tal-fejqan tad-detentur u mhux se tinżamm wara.
- (10) L-elementi meħtieġa biex jiġi stabbilit li ċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953 u għalhekk huma ssodisfati.
- (11) Għalhekk, iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" jenħtieġ li jiġu aċċettati bil-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(5), l-Artikolu 6(5) u l-Artikolu 7(8) tar-Regolament (UE) 2021/953.
- (12) Sabiex din id-Deċiżjoni tkun operattiva, jenħtieġ li r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj tiġi konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.
- (13) Sabiex tipproteġi l-interessi tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tista' tuża s-setgħat tagħha biex tissospendi l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni jew tħassarha, jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2021/953 ma jibqgħux jiġu ssodisfati.
- (14) Sabiex ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj tiġi konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953 malajr kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/953,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Iċ-ċertifikati COVID-19 tat-tilqim, tat-testijiet u tal-fejqan maħruġa mir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj f'konformità mas-sistema "Plataforma Nacional Coronavirus Uy" għandhom, għall-fini tal-faċilitazzjoni tad-dritt tal-moviment liberu fl-Unjoni, jitqiesu bħala ekwivalenti għal dawk maħruġa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 2

Ir-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj għandha tkun konnessa mal-qafas ta' fiduċja taċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/953.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
